# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 16 ta' Jannar, 2018**

**Kawża Nru. 21**

**Rik. Nru. 188/17JRM**

Charles **ĊINI**

vs

**IL-PRIM MINISTRU**, Il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-28 ta' Frar, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti (i) issib li kemm ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku sabiex tiġi revokata l-ħatra tal-attur bħala għalliem fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, u kif ukoll id-deċizjoni tal-Prim Ministru tal-31 ta' Awwissu 2016, u ikkomunikata lilu b'ittra bid-data tat-28 ta' Settembru, 2016, li biha ħassar il-ħatra tal-attur minn għalliem kienu irraġonevoli, *ultra vires*, abbużivi, illegali, imsejsa fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti u meħuda bi ksur u vjolazzjoni tal-

liġi, inkluż regoli li ma kinux *in vigore* fiż-żmien tal-istess deċiżjoni u jikkostitwixxu għemil amministrattiv li jikser l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew b'mod ieħor għemil amministrattiv *ultra vires*; (ii) issib li l-imsemmija rakkomandazzjoni u deċiżjoni ma jiswewx, huma invalidi u mingħajr effett fil-liġi; (iii) tħassar u tirrevoka r-rakkomandazzjoni u d-deċiżjoni, u tordna r-reintegrazzjoni tal-attur fil-ħatra tiegħu ta' għalliem fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol; (iv) issib li l-attur ġarrab danni; (v) tillikwida d-danni mġarrba; (vi) tordna lill-imħarrkin jew lil min minnhom iħallsuh id-danni hekk likwidati; (vii) issib li bl-imsemmija rakkomandazzjoni u deċiżjoni, huwa ġarrab ksur tad-drittijiet fundamentali taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u jew l-artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni, u tagħti dawk ir-rimedji meħtieġa sabiex l-attur jiġi reintegrat fid-drittijiet fundamentali tiegħu; (viii) tagħti lill-attur kull rimedju ieħor xieraq u opportun skond l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea. Talab ukoll l-ispejjeż u żamm sħiħ kull jedd tiegħu għal azzjonijiet oħrajn spettanti lilu;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Marzu, 2017, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fis-27 ta' Marzu, 2017, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li (i) l-Ministru u l-Kummissjoni mħarrka ma humiex il-leġittimi kontraditturi billi t-tħassir tal-ħatra tal-attur bħala għalliem ittieħdet mill-imħarrek Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni mħarrka; (ii) l-azzjoni ma tistax titressaq billi l-attur naqas li juri l-artikolu tal-liġi li fuqu qed jibbaża l-azzjoni tiegħu; (iii) ir-rikors promotur ma jiswiex għaliex huwa taħlita ta' talbiet taħt il-liġi ordinarja flimkien ma' talbiet dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni u li din il-Qorti, kif adita, m'għandhiex is-setgħa li taqta' u tiddeċiedi ilmenti marbuta ma' ksur ta' drittijiet fundamentali fl-istess nifs li tintalab tagħmel stħarriġ ġudizzjarju; kif ukoll li l-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tisma' u tiddeċiedi lmenti marbuta ma' allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali skond l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) illi l-azzjoni kif magħmula m tistax titressaq ukoll għaliex tmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 110 u 115 tal-Kostituzzjoni; u (v) l-attur naqas li jinqeda minn rimedju ieħor stabbilit minn liġi oħra[1]. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

[1] Jirreferu għar-regolament 23(2) tar-Regolamenti Ġenerali tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku 1960 (b'seħħ mill-1 ta' Frar, 2016, dawk ir-Regolamenti nbidlu bl-Avviż Legali 332/2015 [L.S. Kost. 01])

Rat in-Nota mressqa mill-attur fil-5 ta' Mejju, 2017[2], bix-xhieda tiegħu f'affidavit mehmuż magħha;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Mejju, 2017[3], li bih ordnat li, qabel kull ħaġa oħra, issir it-trattazzjoni tat-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari, u li tali trattazzjonijiet isiru bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-13 ta' Ġunju, 2017[4] dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fis-27 ta' Lulju, 2017[5], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat l-atti tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2017, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur irid li l-Qorti ssib li t-tħassir tal-*warrant* tiegħu bħala għalliem sar b'mod abbużiv, bi ksur tal-liġi u b'mod diskriminatorju. Għalhekk, huwa jrid li l-Qorti ssib li dak it-tħassir ma jgħoddx u li jingħata l-ħatra ta' għalliem lura u jitħallas id-danni li ġarrab minħabba r-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kummissjoni mħarrka u mwettqa mill-imħarrek Prim Ministru. L-attur jilminta wkoll li, bl-imsemmi tħassir, huwa ġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu dwar tgawdija bil-kwiet tal-possedimenti tiegħu, ta' dritt għal smigħ xieraq u kif ukoll li ma jingħatax trattament diskriminatorju kif imħarsin taħt il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Jitlob li l-Qorti ssib li huwa ġarrab ksur tal-imsemmija jeddijiet u tagħtih kumpens minħabba dak il-ksur;

---

[2] Paġġ. 120 – 8 tal-proċess
[3] Paġ. 129 tal-proċess
[4] Paġġ. 130 sa 140 tal-proċess
[5] Paġġ. 142-146 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li (i) l-Ministru u l-Kummissjoni mħarrka ma humiex il-leġittimi kontradditturi billi t-tħassir tal-ħatra tal-attur bħala għalliem ittieħdet mill-imħarrek Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni mħarrka; (ii) l-azzjoni ma tistax titressaq billi l-attur naqas li juri l-artikolu tal-liġi li fuqu qed jibbaża l-azzjoni tiegħu; (iii) ir-rikors promotur ma jiswiex għaliex huwa taħlita ta' talbiet taħt il-liġi ordinarja flimkien ma' talbiet dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni u li din il-Qorti, kif adita, m'għandhiex is-setgħa li taqta' u tiddeċiedi ilmenti marbuta ma' ksur ta' drittijiet fundamentali fl-istess nifs li tintalab tagħmel stħarriġ ġudizzjarju; kif ukoll li l-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tisma' u tiddeċiedi lmenti marbuta ma' allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali skond l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) illi l-azzjoni kif magħmula m tistax titressaq ukoll għaliex tmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 110 u 115 tal-Kostituzzjoni; u (v) l-attur naqas li jinqeda minn rimedju ieħor stabbilit minn liġi oħra;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari;

Illi bħala <u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attur huwa gradwat mill-Universita' ta' Malta bil-baċellerat fil-Kummerċ u *PGCE (Post Graduate Course in Education)*[6]. Huwa kiseb il-*warrant* ta' għalliem, u ħadem f'dan il-qasam għal madwar tnejn u għoxrin (22) sena;

Illi fi Frar tal-2013, id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi ressqet rapport lill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Kunsill") sabiex tinvestiga xilja ta' mġiba mhux xierqa u nuqqasijiet tal-ħila fl-għoti tat-tagħlim min-naħa tal-attur;

Illi l-attur intalab jersaq quddiem il-Kunsill u f'Rapport li jġib id-data tat-22 ta' Ottubru, 2015[7], il-Kunsill għadda s-sejbiet tiegħu permezz ta' rapport u rrakkomanda lill-Ministru mħarrek sabiex iqis jekk kellux jirtira u jħassar il-*warrant* tal-attur bħala għalliem minħabba n-nuqqasijiet li irriżultaw. Kopja tas-sejbiet tal-Kunsill intbagħtet lill-Ministru mħarrek permezz ta' korrispondenza li ġġib l-istess data[8]. L-attur ingħata kopja tar-rapport ukoll;

[6] Dokti. "I" u "J" f'paġġ. 127 – 8 tal-proċess
[7] Paġġ. 19 sa 92 tal-proċess
[8] Paġ. 18 tal-proċess

Illi l-Ministru mħarrek laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, u permezz ta' korrispondenza li ġġib id-data tal-1 ta' Diċembru, 2015, l-attur ġie mgħarraf li kien tilef il-*warrant* ta' għalliem b'seħħ mit-22 ta' Ottubru, 2015[9]. Din id-deċiżjoni ġiet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Diċembru, 2015[10];

Illi fis-16 ta' Diċembru, 2015[11], il-Kummissjoni mħarrka bagħtet tgħarraf lill-attur bid-deċiżjoni meħuda dwaru u li ismu kien se jitħassar mir-Reġistru uffiċjali tal-Għalliema u li se jingħata xogħol bħala uffiċjal pubbliku fi Skala 7 u jwettaq dmirijiet li jaqblu mas-salarju tiegħu f'dak il-grad. L-ittra kienet tistieden lill-attur iressaq fehemtu fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol lill-Kummissjoni dwar dak li kienet qiegħda tirrakkomanda. L-attur ilmenta mal-Kummissjoni b'ittra tiegħu tal-21 ta' Diċembru, 2015, dwar aġir mhux xieraq minn naħa tal-Kunsill;

Illi fl-14 ta' April, 2016[12], l-attur ressaq ittra uffiċjali kontra l-Ministru mħarrek, il-President tal-Kunsill u kontra l-Avukat Ġenerali;

Illi fis-26 ta' April, 2016[13], l-attur fetaħ kawża quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) kontra l-Ministru mħarrek u kontra Dr Mateja Farruġia fil-kwalita' tagħha ta' President tal-Kunsill u in rappreżentanza ta' l-istess fejn talab dikjarazzjoni li d-deċizjoni biex il-*warrant* tiegħu tiġi revokata kienet abbużiva billi huwa ġie mċaħħad mid-dritt li jappella minnha;

Illi fis-17 ta' Mejju, 2016[14], il-Kummissjoni mħarrka għarrfet lill-attur li, minn stħarriġ li għamlet, l-ilment tiegħu fil-konfront tal-Kunsill ma rriżultalhiex mistħoqq;

Illi fis-27 ta' Frar, 2017, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi b'sentenza mogħtija fit-3 ta' Ottubru, 2017, din il-Qorti diversament presjeduta ċaħdet illi teżerċita s-setgħat tagħha li twettaq l-istħarriġ ġudizzjarju lilha mitlub billi sabet li l-attur kellu rimedju ordinarju disponibbli mogħti lilu mill-liġi, u naqas li jieħdu;

Illi <u>l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mat-tieni u tielet eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-imħarrkin jirrigwardaw aspetti proċedurali li jolqtu l-azzjoni attriċi;

[9] Dok. "A" f'paġ. 9 tal-proċess
[10] Paġ. 95 tal-proċess
[11] Dok. "KSP1" f'paġ. 114 tal-proċess
[12] Dok. "D" f'paġ. 96 tal-proċess
[13] Rik. Nru. 348/3016. Ara Dok. "B" f'paġġ. 10 – 7 tal-proċess
[14] Dok. "KSP2" f'paġ. 115 tal-proċess

Illi **t-tieni eċċezzjoni preliminari** hija marbuta mal-improponibilita' tal-azzjoni billi l-attur naqas li juri l-artikolu tal-liġi li fuqu qed jibbaża l-azzjoni tiegħu. Jgħidu li dan il-fatt ipoġġihom fi preġudizzju kbir u irrimedjabbli biex jirrispondu għat-talbiet attriċi. Għaldaqstant, l-azzjoni hija nulla. Għal din l-eċċezzjoni, l-attur iwieġeb billi jgħid li l-liġi ma tobbligahx jagħmel dan, u tali nuqqas ma jwassal għall-ebda dikjarazzjoni ta' nullita' tal-att promotur;

Illi għandu jingħad illi meta l-attur jagħżel għamla ta' azzjoni partikolari, irid ikun responsabbli biżżejjed illi jagħti lill-parti mħarrka l-possibilita' li tiddefendi ruħha fil-parametri tal-azzjoni kif imressqa[15]. L-azzjoni tiddependi mill-mod kif inhi mfassla;

Illi dwar x'jikkostitwixxi tifsir ċar u sewwa fil-każ ta' att li bih tinbeda kawża, il-liġi tippreskrivi, fost l-oħrajn, li r-Rikors Maħluf għandu jkun fih tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet;

Illi huwa sewwa sew dwar din id-dispozizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-att promotur minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta jew għaliex l-azzjoni kif tkun tressqet tkun waħda li ma setgħetx titressaq b'dak il-mod (improponibbli). Biż-żmien issawret it-tejorija, magħrufa bħala tal-ekwipollenti, li nisslet il-prinċipju li mhijiex meħtiega ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni[16];

Illi, għalhekk, Rikors Maħluf m'għandux jitwaqqa' għajr għal raġunijiet gravi[17]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, ir-Rikors Maħluf għandu jitwaqqa'[18]. Għaldaqstant biex att promotur ta' kawża jgħaddi mill-prova tal-validita', huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[19], u li tali tifsila, kif ingħad aktar 'il fuq, ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba ta' l-attur[20];

---

[15] Ara, per ezempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748**)
[16] P.A. **9.3.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe.*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[17] App. Ċiv: **20.2.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Merola pro et vs S. Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX..i.106**)
[18] App. Ċiv. **22.5.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna vs Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LI.i.299**); u Kumm. **19.6.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo noe vs Attard noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.971**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[19] P.A. **14.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Coleiro vs Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**)
[20] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonniċi vs Żammit noe et*** (Kollez. Vol: **LXX.ii.243**)

Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jinstiltu mit-termini ta' l-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri[21]. Normalment, b'dan wieħed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att tar-Rikors Maħluf innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed 'il quddiem fil-kawża[22]. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista' tigi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet[23];

Illi fil-fehma tal-Qorti, minn qari tar-Rikors Maħluf, ma hemm ebda dubju li l-azzjoni kif imressqa mill-attur hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju msejsa fuq l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa minnu li referenza speċifika għal dan l-artikolu ma tingħatax, iżda l-ewwel talba attriċi ma tħalli ebda dubju dwar dan u frażijiet mill-imsemmi artikolu jintużaw fil-premessi tal-istess att promotur biex ifissru l-għamla ta' lment li jressaq l-attur;

Illi kemm-il darba wieħed jasal li jaqbel mal-imħarrkin li hemm nuqqas, tali nuqqas iżda ma jippreġudikax b'mod serju lill-istes imħarrkin milli jiddefendu rwieħhom. Dan joħroġ ukoll mill-fatt li mhux biss laqgħu għat-talbiet b'eċċezzjonijiet fil-mertu, imma ressqu eċċezzjonijiet oħrajn (bħal dik li l-Qorti sejra tqis aktar 'il quddiem f'din is-sentenza) li fiha wrew li fehmu li l-azzjoni attriċi hija, fil-qofol tagħha, waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv;

Illi biex att ġudizzjarju jkun tabilħaqq jista' jingħad li huwa bla siwi jew null, irid ikun jaqa' taħt xi waħda mill-erba' ċirkostanzi maħsubin fl-artikolu 789(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. U hemm ċirkostanzi maħsubin fl-imsemmija dispożizzjonijiet tal-liġi li xorta waħda ma jwasslux għal dikjarazzjoni ta' nullita' jekk kemm-il darba l-att jista' jissewwa b'kull mod ieħor maħsub mil-liġi;

Illi għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma jidhrilhiex li ntwera tajjeb biżżejjed li r-Rikors Maħluf imressaq mill-attur jista' jitqies bla siwi. Għalhekk it-tieni eċċezzjoni preliminari mhijiex sejra tintlaqa';

Imiss issa li l-Qorti tistħarreġ **it-tielet eċċezzjoni preliminari**. Fi kliem l-imħarrkin, ir-rikors promotur ma jiswiex għal tliet raġunijiet. L-ewwelnett għaliex ir-Rikors Maħluf huwa taħlita ta' talbiet taħt il-liġi ordinarja flimkien

---

[21] App. Ċiv. **7.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)
[22] App. Ċiv. **30.3.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Bezzina vs Anthony Galea*** (mhix pubblikata)
[23] P.A. **24.6.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon vs Spiteri et*** (Kollez. Vol: **XLV.ii.696**)

ma' talbiet taħt ir-rimedju straordinarju tal-azzjoni għal ksur ta' jeddijiet fundamentali. Huma jisħqu li dan mhux aċċettabbli. It-tieninett, għaliex filwaqt li din il-Qorti tista' tisma' lmenti marbuta ma' stħarriġ ġudizzjarju, m'għandhiex is-setgħa taqta' u tiddeċiedi ilmenti marbuta ma' ksur ta' drittijiet fundamentali. It-tieletnett, għaliex din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tisma' u tiddeċiedi ilmenti marbuta ma' allegat ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem skond l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-attur jgħid li l-ilmenti tal-imħarrkin ma humiex mistħoqqa. Din il-Qorti tista' tisma' kemm kawżi bbażati fuq id-dritt amministrattiv, kif ukoll kawżi ta' lmenti dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali tal-bniedem. Dan isib il-bażi tiegħu fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea[24]. Jgħid ukoll li l-ġurisprudenza stabbiliet din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni residwa, minbarra dik ġenerali. Jgħid ukoll li d-distinzjoni bejn id-dritt amministrattiv u dak kostituzzjonali huwa aktar apparenti milli reali billi l-istess aġir tal-awtorita' pubblika jista' jikser kemm il-liġi ordinarja kif ukoll dik kostituzzjonali u l-liġi tagħti rimedji għaż-żewġ ċirkostanzi li t-tnejn li huma tista' tipprovdihom din il-Qorti;

Illi dwar l-ilmenti tal-attur, illum il-ġurnata huwa aċċettat illi għalkemm f'att li bih tinbeda kawża jsiru riferenzi għall-ksur ta' jeddijiet fundamentali, u għalkemm il-Qorti trid tħares id-drittijiet kollha magħduda dawk li jħarsu d-drittijiet fundamentali, xorta waħda tgħid li proċeduri li jinbdew quddiemha għandhom jitqiesu li huma proċeduri istitwiti taħt il-liġi ordinarja u mhux taħt il-proċedura li tirregola kawżi dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem. Jingħad ukoll li azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A ma għandhiex tieħu l-post u lanqas titqies bħallikieku kienet azzjoni kostituzzjonali (jew konvenzjonali)[25]. Minbarra dan, ir-rimedju li jista' jingħata f'kawża kostituzzjonali jidher li jkun usa' minn dak li jista' jingħata lir-rikorrenti f'kawża bħal din, jiġifieri dik ta' stħarriġ ġudizzjarju;

Illi l-Qrati wrew li huma disposti li jikkonsidraw ilmenti relatati mad-drittijiet fundamentali f'każ fejn m'hemmx rimedju ieħor[26];

Illi s-setgħat li l-liġi tagħti lill-Qrati f'azzjonijiet bħal din iridu jitwettqu fil-parametri preċiżi li tistabilixxi l-liġi speċjali. Min-naħa l-oħra, fejn din il-Qorti tissejjaħ biex twettaq is-setgħa tagħha li tistħarreġ għemil ta' xi awtorita'

---

[24] Kap 319
[25] P.A. GCD **5.03.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġanni Farruġia et vs. Il-Kummissarju tal-Artijiet***
[26] P.A. AE **25.04.3014** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Frank Portelli vs Dr Josella Farrugia noe et*** (appellata)

pubblika, u x'aktarx minħabba li dan l-istħarriġ huwa r-rimedju waħdieni li jingħata lil min iħossu mġarrab b'dak l-għemil, din għandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-liġi ma teskludihiex milli tindaħal, u għandha tagħti lill-esklużjoni tifsira mill-idjaq kontra li terħi milli twettaq is-setgħat tagħha[27];

Illi l-artikolu 469A(4) tal-Kap. 16 huwa eċċezzjoni għar-regola li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni. Kif ngħad, l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jistħarrġu għemil amministrattiv għandha tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaċi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba[28]. Illi l-Qorti tifhem li biex il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tistħarreġ għemil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għemil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaċi[29]. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, mbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A;

Illi fil-każ tal-eċċezzjoni taħt eżami, l-imħarrkin iqisu li l-azzjoni "ordinarja" ta' stħarriġ ġudizzjarju u dik straordinarja ta' lment dwar ksur ta' jedd fundamentali ma jmorrux flimkien. Il-Qorti tifhem dan l-argument u tqis li l-Qrati tagħna diġa' stħarrġu l-kwestjoni u kienu ġeneralment ċari dwarha[30]. Il-Qorti taqbel li f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 il-ksur li jista' jkun hemm taħt il-Kostituzzjoni tar-Reppubblika ta' Malta ma jirriferix għal ksur ta' xi wieħed mid-drittijiet maħsuba fil-Kapitolu IV tal-istess, imma għal xi ksur ta' xi dispożizzjoni oħra tal-istess Kostituzzjoni. Fl-istess waqt, madankollu, il-fatt li parti attriċi tressaq ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma jwassalx għas-sejbien li l-azzjoni ma tiswiex, jekk kemm-il darba t-talbiet ikunu (bħalma sar f'dan il-każ) saru b'mod li l-waħda tingħaraf mill-oħra. Ladarba l-Qorti tista' tqis l-azzjoni bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju u tipprovdi għal talbiet li joqogħdu ma' dik l-għamla ta' kawża, ma titnissilx in-nullita' insanabbli ta' azzjonijiet li ma joqogħdux ma' xulxin. U l-fatt li l-Qorti ma tqisx talbiet f'azzjoni "ordinarja" li tista' tqishom biss f'azzjoni "straordinarja" ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali ma jġibx, fil-fehma tal-Qorti, in-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni kollha mibdija, jekk kemm-il darba jitħarsu ċ-ċirkostanzi li għadhom kemm issemmew;

---

[27] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.377**)
[28] App. Ċiv. **6.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauċi et*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.943**)
[29] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorita' tad-Djar et***
[30] Ara. Kost **18.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment Għall-Akkomodazzjoni Soċjali et***

Illi l-Qorti, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, ma ssibx li t-tielet eċċezzjoni tal-imħarrkin għandha tintlaqa' jekk biha wieħed jifhem li l-azzjoni attriċi kollha hija milquta b'nullita', u li għaldaqsant din il-Qorti m'għandhiex tiġi mwaqqfa milli tkompli bis-smigħ tal-kawża safejn din hija strettament waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad** it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-imħarrkin bħala mhux mistħoqqa u **tordna** li jitkompla s-smigħ tal-kawża;

**Tħalli** d-deċiżjoni dwar **il-kap tal-ispejjeż** għas-sentenza tal-aħħar.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**16 ta' Jannar, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**16 ta' Jannar, 2018**